FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 11 ta' Ottubru, 2001

**Numru 1**

**Avviz. numru 1534/99JR**

**James Farrugia**

**vs**

**Patrick Cassar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Ottubru, 1999, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sbatax-il lira Maltija (Lm217.00), rapprezentanti l-valur ta' proprjeta' li ttiehdet lill-attur jew giet distrutta minn kamrin fil-pussess tal-attur fil-Bajja ta' l-Exiles f'St Julian's Bay, Tas-Sliema f'April 1999.**

**L-oggetti li ttiehdulu jew gew distrutti huma s-segwenti:- mejda li tiswa tmien liri (Lm8); 6 siggijiet li jiswew erbgha u ghoxrin lira (Lm24); 4 xugamani jiswew**

**sittax-il lira (Lm16); zewg bikinis jiswew ghoxrin lira (Lm40); 4 malji ta' l-irgiel jiswew ghoxrin lira (Lm20); 12-il cushion jiswew tmienja u erbghin lira (Lm48); 3 umbrelel jiswew himstax-il lira (Lm15); football u haversack jiswew (Lm10); serratura tiswa tmien liri (Lm8); zewg novelli jiswew seba' liri (Lm7); ghodod jiswew ghaxar liri (Lm10); shampoos jiswew hames liri (Lm5); flixkun Vodka jiswa sitt liri (Lm6).**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-22 ta' Frar 1999 u dawk ta' l-ittra ufficjali datata 15 ta' Gunju 1999.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-10 ta' Novembru 1999, fejn intqal:**

**Illi fl-ewwel lok il-konvenut Patrick Cassar m' ghandu x'jaqsam xejn mal-proprjeta' li l-attur qieghed jallega giet imnehhija u/jew distrutta u li kienet tinsab f'kamrin fil-Bajja ta' l-Exiles, f'Tas-Sliema;**

**Illi l-attur ga gie nfurmat b'dan il-fatt permezz ta' ittra ufficjali mibghuta mill-konvenut Patrick Cassar fit-2 ta' Lulju 1999, liema ittra ufficjali giet notifikata lill-istess attur fit-8 ta' Lulju,1999.**

**Illi, inoltre, l-istess kamrin ma kienetx fil-pussess ta' l-attur stante illi hija l-proprjeta' esklussiva ta' The Eastern Telegraph Club (gia' The Malta Eastern Club) taht titolu ta' encroachment mid-Dipartiment ta' l-Artijiet mill-4 ta' Lulju,1933 u l-istess Club hallas il-"recognition fee" ghal din il-proprjeta' ghal dawn l-ahhar sitta u sittin (66) sena, sa l-ahhar ta' din is-sena.**

**Illi kien l-attur illi abbusivament, illegalment u vjolentement dahal fil-proprjeta' ta' The Eastern Telegraph Club u kkommetta spoll bi pregudizzju ta' dan il-Club, tant illi ttiehdu proceduri kriminali kontrih ghall-bazi tad-drittijiet pretizi minnu, liema proceduri jinstabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati.**

**Illi kwalunkwe oggetti illi l-attur setgha kellu f'dan il-kamrin gew introdotti f'proprjeta' privata ta' The Eastern Telegraph Club minghajr il-permess u ad insaputa tal-Kuratur u tad-Direzzjoni tal-Club.**

**Ghalhekk ghandhom jigu michuda t-talbiet ta' l-attur bl-ispejjez kontrih.**

**Ikkunsidra:**

1. **L-attur qed jaghmel din il-kawza ghall-danni li sofra meta oggetti tieghu gew distrutti jew insterqu meta l-konvenut allegatament waqqa' s-saqaf u bidel is-serratura tal-kamrin li jinsab fil-Bajja ta' l-Exiles, f'Tas-Sliema, u dana f'April, 1999.**
2. **Ma hux kontestat li l-attur kien qieghed fil-pussess tal-kamrin imsemmi. Jekk dan kien hemm abusivament ma hux kompetenza ta' dan it-Tribunal li jiddeciedi, u jifforma meritu ta' kawza ohra.**
3. **Jirrizulta li l-konvenut kien jaf ben tajjeb li l-attur kien qed jokkupa dan il-kamrin. Fil-fatt jirrizulta li l-attur kien ilu jokkupa dan il-kamrin minn Novembru, 1993.**

**4. Tant kien jaf b'dan il-konvenut, li f'Dicembru, 1998/Jannar 1999, huwa kien avvicina lill-attur u qallu biex johrog mill-fond imsemmi.**

**5. F'dan il-kuntest rilevanti dak li xehdet mart l-attur li qalet li l-ahhar li uzaw il-kamrin kien fid-9 t'April, 1999 ghall-habta tal-4p.m. Hi qalet ukoll li nizlet fil-11 t'April, 1999 fil-post u sabet il-bieb sgassat, is-serratura maqlugha, u s-saqaf imwaqqa'. Hi staqsiet lill-konvenut x'ghamel bl-affarijiet taghhom u dan qalilha li kien tefaghhom il-barra.**

**6. Jirrizulta li l-oggetti li kien hemm fil-kamrin ma kienux kollha ta' l-attur, u kien hemm oggetti fil-fond appartenenti lil Egidio Sammut.**

**7. Il-konvenuti eccepew li l-kamrin kien ta' The Eastern Telegraph Club. Fir-rigward jigi rilevat li originarjament il-kamrin kien ta' Cable & Wireless, li waqaf jiffunzjona bhala tali f'Settembru, 1975. Dana skond ma xehed Joe Agius tezorier onorarju ta' The Eastern Telegraph Club.**

**8. Hu allegat li l-konvenut kien inkarigat li jiftah il-Club. Pero`, it-Tribunal innota s-segwenti dwar ix-xhieda ta' Joe Agius, u cioe`:**

- **i. li mhux cert jekk kienux registrati bhala Club. Anzi jghid li ma jafx li qatt kienu registrati;**
- **ii. Li ma jafx li hemm xi membership fee;**
- **iii. Li ma jafx li hemm xi registration fee;**
- **iv. Li ma jafx jekk hemmx registration fee li tithallas annwalment lil Pulizija;**
- **v. Li l-kumitat kien gie elett xi ghaxar snin ilu.**

**Dawn il-fatti qed jiddikjarahom dak li jokkupa l-kariga ta' Tezorier Onorarju**

**ta' l-imsemmi Club. Dana qed jinghad ghax it-Tribunal ghandu dubbji kemm dan il-Club, fiz-zmien in kwistjoni, kien qed jiffunzjona, u konsegwentement kemm jista' jkun minnhu li l-konvenut agixxa f'isem il-Club, u liema kumitat awtorizzah biex hekk jagixxi. Ma jirrizultax li saret il-Laqgha Generali annwali kif stipulat. Inoltre jirrizulta li l-kariga ta' kull ufficjali kienet biss ghall-sena, skond l-Artikolu 4(c) ta' l-istatut. Ma jirrizultax li din il-kariga giet imgedda.**

**9. Ghandu jigi rilevat li l-konvenut jinsisti li agixxa bhala kuratur tal-Club. Jirrizulta li l-konvenut ghamel zmien imsiefer fuq xoghol mill-1992 sal-1997, u meta rritorna nnota li xi hadd kien qed jokkupa il-kamrin fuq imsemmi, kif jghid hu: "f'mod arbitrarju minghajr titolu legali".**

**10. Jirrizulta li l-konvenut avvicina lill-attur u lil Egidio Sammut biex jispjegaw il-pozizzjoni taghhom dwar l-imsemmi kamrin. Skond il-konvenut Sammut ammetta li kien okkupa l-kamrin b'mod arbitrarju. Jirrizulta li l-konvenut kiteb lil Sammut biex jizgombra, pero` ma kellux risposta.**

**11. Jirrizulta li sussegwentement il-konvenut iddecieda li jaghmel xoghol ta' ripristinar tal-kamrin, liema xoghol beda fl-10 t'April, 1999, u ddemolixxa s-saqaf.**

**12. Il-konvenut xehed li waqt li kien qed isir dan il-process irrizulta li kien hemm oggetti li ma kienux jappartjenu lil Club fil-kamrin. Jghid li: "peress illi l-oggetti kienu hemm ad insaputa taghna ma stajniex niehdu r-responsabbilita` taghhom." Ghalhekk wara li waqqghu is-saqaf, il-haddiema gabru dak li setghu u tpoggew fil-kamrin li kien minghajr saqaf**

**sakemm jigu s-sidien taghhom.**

**13. Jirrizulta li qabel id-demolizzjoni l-konvenut kien jaf ben tajjeb li l-attur kien qed jokkupa l-kamrin, tant li kien kellmu u staqsih b'liema titolu kien qed jokkupa.**

**14. Dan kollu, fil-fehma tat-Tribunal jindika li meta l-konvenut agixxa kien qed jassumi personalment ir-responsabbilita` ghall-agir tieghu. It-Tribunal iqies li l-konvenut kien konxju tal-fatt li l-attur u ohrajn kienu qed jokkupaw il-kamrin, pero` minflok ma mexa skond kif titlob il-Ligi, biex jizgumbrahom kemm-il darba dawn ma kellhomx titolu biex jokkupaw, hu ghazel li jiehu l-Ligi f'idejh, meta ddemolixxa s-saqaf tal-kamrin. Hu ghaldaqstant ghandu jigi tenut personalment responsabbli ghall-agir tieghu fir-rigward. Meta ddemolixxa kkawza danni lill-attur.**

**15. Dwar id-danni l-attur semma' lista ta' l-oggetti li naqsu jew tkissru. Dawna jammontaw ghall mija sebgha u disghin lira Maltija (Lm197.00). It-Tribunal innota li whud minn dawn l-oggetti kienu jappartjenu lil Egidio Sammut, u ghaldaqstant ma jistghax jigi indennizzat l-attur ghas-segwenti, cioe` siggu tal-valur ta' erba' liri Maltin (Lm4.00), erba' malji ta' l-irgiel valur ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20.00), umbrella valur ta' hames liri (Lm5.00), ghodod valur ta' ghaxar liri (Lm10.00), shampoos valur ta' hames liri (Lm5.00), u xorb valur ta' sitt liri (Lm6.00). Ghalhekk mill-ammont fuq imsemmi ghandhom jitnaqqsu hamsin lira Maltija (Lm50.00), u jibqa' bilanc ta' mija erbgha u hamsin lira Maltija (Lm154) dovuti mill-konvenut lill-attur. Pero` anke f'dan ir-rigward it-Tribunal hu tal-fehma li ghandu jimmitiga d-danni, in kwantu**

**dawn ma kienux oggetti godda, u konsegwentement l-valur irid jigi adegwat fir-rigward. It-Tribunal qed jibbaza l-kalkolu tieghu a bazi ta' zewg terzi tal-valur dikjarat, u b'hekk jigi li l-ammont dovut lill-attur huwa ta' mija u tnejn liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm102.66).**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata limitatament ghall-ammont fuq imsemmi, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u tnejn liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm102.66).**

**In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-zewg terzi mill-konvenut u terz mill-attur.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**